MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Numru 715/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Versus**

**Mark Cauchi**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mark Cauchi ta’ 28 sena bin John u Margaret nee Gauci mwieled Attard fid-19 ta’ Mejju 1980 u residenti 75 Margarita, Triq Nazzareno Paola u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 252880

Akkużat talli fis-26 ta’ Lulju 2008 għall-ħabta tas-7.00 pm u żminijiet u ħinijiet qabel fi Triq San Franġisk Tarxien

1) Bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq

vettura tal-għamla Peugeot Partner numru tar-reġistrazzjoni LCI 926 liema vettura hija propjeta' ta' Raymond Farrugia minn Attard u liema serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;

2) Akkużat talli fl-istess jum, lok, ħin u ċirkostanzi ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħadd ieħor mobbli jew immobbli u cioe' għamel ħsara fuq vettura Peugeot Partner numru tar-reġistrazzjoni LCI 926 li tammonta għal madwar 949.72 Euors liema ħsara hija ta' aktar minn 116.47 Euros (Lm50) iżda anqas minn 1165.69 Euros (Lm500) għad-dannu ta' Raymond Farrugia minn Ħ'Attard.

3) Akkużat ukoll talli fis-26 ta'Lulju 2008 għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija (7.00 pm) u f'diversi żminijiet u ħinijiet qabel f'Raħal Ġdid u Ħal-Tarxien bil-ħsieb li jgħamel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq minn vettura tal-għamla Opel Corsa liema numru tar-reġistrazzjoni u s-sid tal-imsemmija vettura mhux magħrufa;

4) Akkużat ukoll talli fl-istess ċirkustanzi u żminijiet kkommetta serq sempliċi minn vettura tal-għamla Transit għall-valur ta' 4 Euros liema numru tar-reġistrazzjoni u sid tal-imsemmija vettura mhux magħrufa.

2) Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 2528 tal-1980, il-current incident report, (Dok SZ 1), is-survey sheet (Dok SZ 2), ir-ritratti tal-ħsarat (Dok SZ3 ) u l-istqarrija magħmula mill-imputat (Dok SZ).

**3) Rat li l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu għal dawn l-erba' imputqazzjonijiet fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2008 liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jaħsibha.**

4) Semgħet bil-ġurament li l-ħsarat li saru mill-imputat tħallsu permezz ta' cheque.

Ikkunsidrat

5) Li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn kienu ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

6) Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h),41(1)(a), 261(g), 271(g), 284, 285, u 325(1)(b) tal-Kap 9, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

**7) Il-Qorti wara li ikkonsidrat li l-imputat għamel ammissjoni mal-ewwel, li ħallas tal-ħsara li wettaq u li s-serq sempliċi kien wieħed żgħir ħafna, flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien 30 xahar mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.**

8) Tordna li din is-sentenza tintbagħat lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------